QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' FRAR 2002

Avviz Nru 463/00DM

Citadel Insurance p.l.c kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Cecilia Dimech sia bil-polza u sia bil-ligi

vs

Mario Gauci

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija u erbgha u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm300.00) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilistiku tal-31 ta' Jannar 1999 fl-Airterminal Roundabout tal-Gudja, meta waqt li kien qed isuq il-karozza numru MAR004, habat mal-vettura numru JBA 785 misjuq mill-assikurata tas-socjeta attrici Cecilia Dimech, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra uffijcali presentata kontestwalment li permezz taghha qed tigi infurmata b'din il-procedura s-socjeta assikuratrici tal-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Mario Gauci fejn eccipixxa illi:-

1 Preliminarjament l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici;

2 Preliminarjament ukoll in-nuqqas ta' interess guridiku tas-socjeta attrici stante li ma istitwietx il-kawza bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha;
3 Pregudizzju u fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident mertu ta' din il-kawza sehh tort unikament ta' Cecilia Dimech minhabba imperizja, negligenza, u non-osservanza tar- regolamenti tat-traffiku da parti taghha
4 Bla pregudizzju ghas-suespost id-danni pretizi huma eccessivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi, ghalkemm tirrizulta divergenza fl-ammont li qieghed jintalab fl-avviz mill-atturi bejn dak li huwa miktub u c-cifri indikati, b'nota tal-21 ta' Marzu 2001 l-atturi stabbilew is-sorte tal-avviz billi irriducewh ghas-somma ta' Lm288.20 (mitejn tmienja u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmi).

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-istess konvenut, bil-korrezzjoni illi giet akkordata mill-Qorti d-digriet taghha tad-9 t' Awissu 2000, dawn l-istess eccezzjonijiet gew issorpassati u ghalhekk ma tiehux konjezzjoni ulterjuri taghhom.

Ghalkemm il-konvenut ma irtirax il-kontestazzjoni tieghu dwar il-quantum tad-danni mill-provi prodotti jirrizulta definitivament stabbilit illi d-danni illi gew ikkawzati fil-vettura assigurata mall-kumpanija attrici kienu jammontaw ghas-somma mitluba ta' Lm288.20 (mitejn tmienja u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmi) kif qeghdin jitolbu l-atturi.

Ghal dak li jirrigwarda responsabbilta il-provi jikkonsistu fid-deposizzjonijiet tas-sewwieqa kif ukoll ta' passigier li kienet riekba ma' Cecilia Dimech u ta' l-ufficjal li investiga l-kaz.

Mid-deposizzjonijiet tax-xhieda li kienu involuti direttament fil-kollizjoni jirrizulta illi, waqt illi Cecilia Dimech li kienet qieghda isuq il-vettura assigurata u l-passiggiera li kellha maghha issostnu illi kien il-konvenut illi gie minn wara u bi speed eccessiv baqa' diehel go n-naha ta' wara tal-vettura ta' Cecilia Dimech, il-konvenut Mario Gauci issostni illi effettivament kienet Cecilia Dimech illi giet minn wara tieghu u habtet mieghu billi pprovat tghaddi minn fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Minn dawn iz-zewg deposizzjonijiet pero', stante anke il-posizzjoni tal-vetturi kif murija fl-isketch u anke mill-punt fejn irrizultat il-hsara fil-vettura ta' Cecilia Dimech tidher iktar verosimili l-verzjoni moghtija mill-istess Cecilia Dimech korraborata kif inhi minn Alison Bonnici li kienet riekba maghha.

Infatti din Alison Bonnici ddikjarat bil-gurament illi meta Cecilia Dimech gibdetilha l-attenzjoni ghall-konvenut gej minn wara kienet harset lura u rathu vicin taghhom u ftit wara habat maghhom.

Ghalhekk issib illi l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u ghalhekk iried jghamel tajjeb ghad-danni kollha illi sofriet il-vettura misjuqa minn Cecilia Dimech assikurata kif inhi mal-kumpanija attrici.

Ghaldaqstant tilqa t-talba tal-atturi u qieghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess atturi s-somma mitluba ta' Lm288.20 (mitejn tmienja u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-14 t'April 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ32